MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 37/2008/1

**Maryanne Curmi**
**vs**
**Joseph Grima**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Joseph Grima minn sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fis-7 ta' Mejju 2009 li laqghet t-talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici *in parte* is-somma ta' €1579.51, filwaqt li l-konvenut kellu wkoll irodd lura l-oggetti imsemmija fid- dokumenti 'C' u 'E' annessi mat-talba u cioe' gwardarobba, desk tal-kompjuter, zewg sodod, xkaffi u 'uplighter' fi zmien tlieta u ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas, l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' €1851.66, bl-ispejjez u interessi kif gew mitluba. L-ispejjez tal-kawza a karigu taz-zewg partijiet.

**Sentenza tat-Tribunal**

Is-sentenza tat-Tribunal sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dana l-appell.

Ra l-avviz tas-socjeta' (sic) attrici li permezz taghha s-socjeta' (sic) attrici talbet l-hlas ta' tlett elef u erba' mija u wiehed u tlettin Ewro u sbattax-il centezmi (€3,431.17) rapprezentanti spejjez dovuti lill-attrici mill-konvenut stante illi l-attrici matul xi zmien li damet tghix mal-konvenut erogat ghas-spejjejz taghha fil-fond bl-isem Grima House, Piju Cellini Street, Nadur li huwa proprjeta' tal-konvenut, diversi benefikati u miljoramenti li taghhom hija qatt ma giet ikkumpensata; liema benefikati u miljoramenti l-konvenut ghadu jgawdi sal-lum minghajr qatt ma hija giet ikkumpensata taghhom.

Illi l-attrici ghandha kull dritt li tigi rimborsata ta' dan it-telf finanzjarju li hija sofriet (art. 1028A tal-Kodici Civili.)

Peress illi fost il-benefikati u miljoramenti minnha erogati a beneficju tal-konvenut hemm l-ammont ta' tlett elef u erba' mija u wiehed u tlettin Ewro u sbattax-il centezmi (€3,431.17) konsistenti f'diversi ircevuti u annessi mat-talba.

Bl-ispejejz inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 2008, bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghalija huwa minn issa mharrek.

Bl-Imghaxijiet skond il-ligi.

Ra l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fejn qed jikkontesta t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-artikolu 1028A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet attrici huma inveritieri ghall-ahhar u l-anqas m'huwa dovut xejn mill-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat ulterjorment.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti kollha bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Salv eccezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-Ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha prezentati in atti tal kawza.

Ra w sema x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut.

IKKUNSIDRA

Illi fil-mertu din hija kawza dwar rizarciment ta' spejjez maghmula mill-attrici f'dar proprjeta' tal-konvenut waqt illi l-attrici kienet tghix hemm u hija kawza ibbazata ukoll fuq l-artikolu 1028A tal-Kodici Civili dwar *l'actio de in rem verso.* Il-konvenut sal-lum ghadu jgawdi l-allegati benefikati u miljoramenti li taghhom hija qatt ma giet ikkumpensata taghhom.

Illi jirrizulta li l-attrici kienet tghix mal-konvenut bejn 1993 u l-2005 u flimkien kellhom tifel li llum jghix mal-konvenut peress illi ghandu l-kura u l-kustodja tieghu. Illi fiz-zmien li kienet tghix mal-konvenut huma kienu jabitaw f'dar proprjeta' tal-konvenut. Illi skond ix-xhieda ta' l-attrici, f'din id-dar kienu saru xi miljoramenti u benefikati u l-ispejjez kienet hargithom l-attrici. Illi meta l-partijiet kienu nfirdu hija kellha titlaq mill-abitazzjoni tal-konvenut u kienet halliet hwejjigha hemmhekk. Intqal mill-attrici lli hija kienet ghamlet aktar spejjez izda l-ispejjez maghmula minnha mhux kollha gew reklamati.

Illi l-attrici ghazlet li tibbaza t-talba taghha fuq *l'actio de in rem verso* taht l-artikolu 1028A tal-Kodici Civili. Il-konvenut ecceppixxa illi l-artikolu 1028A tal-Kap. 16 m'huwiex applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi lit-Tribunal jirrizulta illi ghalkemm dan il-punt legali gie mqajjem fit-talba u fir-risposta, l-partijiet ma ssottemmettew xejn dwar dan il-punt legali wara l-eghluq

tal-provi. Illi t-Tribunal ghalhekk ha joqghod biss fuq ix-xhieda li ghandu in atti sal-lum.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi dak kollu li kienu jaghmlu ghad-dar kienu jaghmluh flimkien. Illi fiz-zmien li kienu jghixu flimkien bejniethom ma kienx ikun hemm problemi ta’ flus peress illi kienu jaqsmu l-introjtu li kellhom bejniethom u ghalhekk skond il-konvenut ma kienetx hija personalment li kienet harget il-flus ghall-oggetti indikati minnha fit-talba odjerna.

Illi t-Tribunal jaghmel riferenza ghar-risposta guramentata ta’ l-attrici li tidher fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, nhar il-11 ta’ Lulju, 2008 dwar il-manteniment ta’ l-iben minuri tal-partijiet li qieghed fil kura ta’ missieru, u liema sentenza hija ezebita in atti. It-Tribunal jinnota illi fir-risposta guramentata, l-attrici f’dik il-kawza kienet semmiet illi ‘kien sar ftehim verbali illi l-konvenuta tirrinunzja ghal benefikati u miljoramenti li ghamlet fid-dar Grima House’, l-istess dar imsemmija f’din il-kawza, ... li hija proprjeta’ ta’ l-attur u li jammontaw ghal eluf ta’ liri kbar in kontrokambju li l-attur jassumi l-obbligu ta’ manteniment tal-minuri.’ Illi fl-istess kawza, gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja nhar il-11 ta’ Lulju, 2008 mill-Magistrat Dr. Anthony Ellul illi Maryanne Curmi, l-attrici fil-kawza odjerna, giet kundannata thallas manteniment ghal binha, lill-konvenut. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-benefikati u miljoramenti kienu diga gew imsemmija fil-kawza ghal manteniment fejn kienet disposta ccedi ghal hlas lura tal-miljoramenti u benefikati li kienet ghamlet hi a spejjez taghha, jekk kemm-il darba l-konvenut jassumi l-obbligu ta’ manteniment ta’ binhom minuri.

Illi in sostenn tat-talba attrici, l-attrici pprezentat ricevuti datati fil-perjodu meta l-partijiet kienu jghixu flimkien u jindikaw illi kienu saru xi hlasijiet fuq xoghol, materjal u oggetti f’isem l-attrici.

Mix-xhieda kollha ma jirrizultax ikkontestat il-fatt illi l-miljoramenti u benefikati saru. Izda l-konvenut isostni lli l-partijiet fiz-zmien li kienu jghixu flimkien kienu jaqsmu kollox, li l-miljoramenti kienet ghamlithom ghaliex riedet hi u jekk hemm isimha fuq ir-ricevuti dan ma kienx ifisser illi l-hlas kien minn butha. Illi ghalkemm ir-ricevuti kienu jidhru f'isimha dan ma jfissirx illi kienet hallsithom hi izda kellhom il-flus ta' bejniethom u ghalhekk thallsu bejniethom. Fil-fehma tat-Tribunal, fil-mertu l-proprjeta' tappartjeni lill-konvenut u li huwa ghadu jgawdi dawn il-miljoramenti.

It-Tribual jirrilleva lli skond id-dokumenti ezebiti mat-talba immarkati 'a','b','c','d', u 'e', l-miljoramenti u benefikati kienu jikkonsistu fi kcina, xoghol u materjal, ghamara u oggetti ohra uzati fl-gharmar ta' dar. Illi jirrizulta lli dawn l-oggetti kollha ghadhom jinsabu fid-dar. Illi ghalkemm intqal mill-konvenut illi l-attrici kienet topera 'hair dressing salon' min fond appartenenti lilu u li huwa qatt ma talabha xi flus ghal kiri ta-fond, lit-Tribunal ma jirrizultax illi sar xi kontrotalba fil-konfront ta' l-attrici ghal xi ammonti dovuti minnha lilu.

Huwa pacifiku illi l-bazi ta' *l'actio de in rem verso* huwa fuq xi haga indeteminata u jekk kemm–il darba jkun hemm oggetti determinati u li l-arrikiment jigi ppruvat, l-oggetti determinati ghandhom jinghataw lura, dejjem jekk dawn l-oggetti ghadhom hemm. Illi skond ix-xhieda dokumentali mir-ricevuti ezebiti jirrizultaw li jezistu oggetti determinati konsistenti f''uplighter' fis-somma ta' hamsa u hamsin liri Maltin (Lm55) ta' dak iz-zmien u ghamara fis-somma komplessiva ta' seba' mija u erbghin lira Maltin (Lm740) ta' dak iz-zmien. Illi jirrizulta ghalhekk illi *l'actio de in rem verso* ghal dawn l-oggetti m'hijiex applikabbli u li ghalhekk semmaj dawn l-oggetti ghandhom jinghataw lura lill-attrici.

Illi galadarba l-kawza saret a bazi tal-principju legali ta' *l'actio de in rem verso* it-Tribunal sabiex jasal ghall-konkluzjoni gusta u ekwa ha jkollu jibbaza d-decizjoni tieghu skond it-talba maghmula. Illi l-konvenut qieghed jintalab ihallas a bazi tal-principju tal-kwazi kuntratt 'actio de in rem verso' stante illi arrikkixxa ruhu indebitament

meta l-attrici giet allegatament imkeccija mill-fond u halliet warajha hwejjigha.

Illi l-allegat arrikiment jikkonsisti kemm f'oggetti mhux determinati u li ma jistghux jinqalghu minn posthom kif ukoll f'oggetti determinati bhalma huma l-ghamara u lampa tad-dawl. Illi skond l-artikolu 1028A (2) 'jekk l-arrikiment huwa ta' oggett determinat, dak li rcevih huwa marbut li jaghti lura l-oggett in natura jekk dan ikun ghadu jezisti fil-mument tat-talba.' Illi jirrizulta illi fost ir-ricevuti ezebiti jezistu oggetti determinati li fil-fehma tat-Tribunal jaqghu taht dan is-sub-artikolu. Illi dawn l-oggetti li skond ix-xhieda ghadhom jinsabu fid-dar tal-konvenut u qieghed igawdihom it-tifel tal-partijiet jikkonsistu f'gwardarobba, desk tal-kompjuter, zewg sodod, xkaffi u uplighter u li jammontaw komplessivament fis-somma ta' elf u tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€1,851.66).

L-attrici allegat illi l-konvenut qed igawdi minn xi arrikiment in debitu fil-konfront taghha. Huwa pacifiku illi fid-dar tal-konvenut jinsabu l-oggetti elenkati fir-ricevuti ezebiti mill-attrici u li jammontaw ghas-somma mitluba minnha f'din il-kawza. Illi jirrizulta mill-provi illi l-konvenut ghadu jgawdi dawn il-miljoramenti u t-Tribunal huwa konvint illi l-ispejjez taghhom kienet hargithom l-attrici.

Ghandu jigi rilevat illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attrici pprovat il-kaz taghha. Illi x-xoghol u l-materjal uzat minn haddiema, il-wicc tal-kcina u l-*wall-panelling* imsemmija fid-dokumenti 'A', 'B' u 'D', annessi mat-talba jaqghu taht l-artikolu 1028A u li komplessivament jammontaw ghal elf u hames mija u disgha u sebghin Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€1,579.51) ghandhom jithallsu lill-attrici. Illi l-oggetti ta' ghamara indikati fid-dokument 'C' u 'E' annessi mat-talba ghandhom jinghataw lura lill-attrici fiz-zmien tlieta u ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza. Illi jekk kemm-il darba dawn l-oggetti kif elenkati fd-dokument 'C' u 'E' annessi mat-talba ma jinghatawx lura fiz-zmien stipulat mit-Tribunal, l-attur ghandu jhallas lill-attrici l-ammont indikat fid-dokumenti '**c' u 'e'** u cioe' ssomma

ulterjuri ta' elf u tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€1,851.66.)

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi mix-xhieda dokumentali u mix-xhieda 'viva voce,' l-attrici ppruvat il-kaz taghha. It-Tribunal huwa moralment konvint mill-arrikiment indebitu tal-konvenut, izda t-Tribunal ai fini tal-artikolu 1028A ma jistghax igieghel lill-konvenut ihallas lura u jikkumpensa lill-attrici ghal kollox mitlub minnha sakemm l-oggetti in natura li jinsabu fil-pussess tal-konvenut ma jroddhomx lura fi zmien moghti minn dan it-Tribunal.

**Rikors tal-konvenut appellant**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tat-Tribunal u interpona appell minnha.

Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

1. Illi t-Tribunal ma ezaminax l-eccezzjoni tieghu dwar in-natura ta' l-azzjoni ezercitata mill-attrici. L-azzjoni attrici hija dika maghrufa bhala l-azzjoni *de in rem verso* u giet imqajma l-eccezzjoni minnu li tali azzjoni ma tapplikax ghal kaz in ezami. Dina l-azzjoni hija koncessa fil-kazijiet fejn ma hiex esperibbili l-azzjoni *ex contractu* ghalhekk l-attrici setghet facilment tesperixxi l-azzjoni *ex contractu* meta hareg car mill-provi li l-allegati xogholijiet saru bi ftehim bejn il-partijiet u bil-kunsens ta' xulxin meta huma kien jikkonvivu flimkien.

1.a. L-azzjoni attrici kellha ssir ukoll fil-konfront ta' binhom minuri billi l-ghamara saret a beneficcju tat-tifel u qed juzaha l-istess binhom u mhux il-konvenut.

1.b. It-Tribunal ma setghax jordna u jikkundanna lill-konvenut li jirritorna lill-attrici dawk l-oggetti determinati billi taht il-Kap. 380, it-Tribunal ghandu biss gurisdizzjoni li jaqta' t-talbiet ghall-hlas ta' flus.

2. It-Tribunal ghamel apprezzament skorrett u xejn approfondit tal-provi

2.a. It-Tribunal strah fuq ricevuti li m'ghandhom ebda validita' legali, mhumiex awtentici u lanqas ma huma ricevuti fiskali kif ukoll ma gewx konfermati bil-gurament minn min harighom.

2.b. L-attrici ma ressqet l-ebda prova tax-xoghol li sar fejn suppost intuzaw dawk l-ixkejjer kollha tal-kolla u b'liema mod il-konvenut arrekkixxa ruhhu minn dak ix-xoghol.

2.c. Fost l-oggetti li talbet l-attrici hemm l-ghamara li qed igawdiha t-tifel u mhux il-konvenut.

2.d. Ma kienx gust li t-Tribunal jikkundannah ihallas l-ammont shih ghal xogholijiet ohra meta ma ngabet ebda prova li l-hlasijiet kienet hargithom kollha l-attrici minn butha, u ma nghata ebda tnaqqis ghat-tqabir ta' l-oggetti li l-attrici stess kienet tgawdi.

**Risposta ta' l-attrici appellata.**

L-attrici wiegbet preliminarjament li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda ta' l-appell tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

Skond l-appellata, it-Tribunal skarta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, billi ghalkemm inghata l-opportunita' li jaghmel sottomissjonijiet, naqas milli jaghmel dana.

L-attrici ssostni li ma kienet tezisti l-ebda forma ta' relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u anke kieku kien hemm relazzjoni ta' konvivenza, ma twieled l-ebda rapport giuridiku u dana ghaliex kif inhi l-ligi llum, din mhiex rikonoxxuta u minnha ma jiskaturixxi l-ebda obligazzjoni ta' natura kontrattwali jew ta' xi rapport giuridiku iehor. L-azzjoni esperita mill-attrici hija wahda sussidjarja taht l-artikolu 1028B tal-Kap. 16 u r-rekwiziti kollha ta' dina l-azzjoni jissussitu billi l-attrici sofriet diminuzzjoni patrimonjali li minnhu arrikixxa ruhhu l-appellant.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-attrici tghid li l-appellant ma gabx prova konklussiva li l-hlas sar ukoll minnu. Lanqas ma jaghmel sens li jiddahhal binhom minuri fil-kawza, billi

jekk kien hemm ftehim, il-minuri ma kienx partecipi fih, u anke kieku l-arrikimenti ma sarx mill-minuri izda mill-konvenut bhala propretarji tal-fond fejn hemm il-mobbli u hu biss jista' jiddisponi minnhom.

**Sfond dwar il-fatti**

Il-partijiet kellhom relazzjoni ta' konvivenza li damet sejra madwar tnax-il sena, u minn din r-relazzjoni huma kellhom tifel. Ir-relazzjoni bejnithom intemmet u b'dina l-kawza l-attrici qed titlob is-somma ta' €3,431.71 ghall-benefikati u miljoramenti li hija ghamlet fil-fond proprjeta' tal-konvenut fejn kienu jirrisjedu, u li taghhom hija qatt ma giet kumpensata.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-konvenut appellant qed jikkontendi li t-Tribunal ma kkunsidrax l-eccezzjoni tieghu li l-artikolu 1028A tal-Kap. 16 ma japplikax ghall-kaz in ezami billi l-attrici kellha tezercita l-azzjoni *ex contractu* u mhux l-azzjoni li hija esperit, li hija wahda sussidjarja (ara l-artikolu 1029B).

Dwar dina l-eccezzjoni t-Tribunal qal hekk:

*"Illi lit-Tribunal jirrizulta illi ghalkemm dan il-punt legali gie mqajjem fit-talba u fir-risposta, l-partijiet ma ssottemmettew xejn dwar dan il-punt legali wara l-eghluq tal-provi. Illi t-Tribunal ghalhekk ha joqghod biss fuq ix-xhieda li ghandu in atti sal-lum".*

Mill-atti ma jirrizultax li dana l-punt gie dibattut, izda fi kwalunkwe kaz, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-konvenut xorta wahda m'ghandux raggun fuq dana l-aggravju.

L-attrici qed tesperixxi l-azzjoni maghrufa bhala *de in rem verso*. Dina l-azzjoni hija wahda sussidjarja meta l-azzjoni *ex contractu* mhix possibili u hija proponibbli meta l-danneggjat ma jistax jesperixxi azzjoni ohra biex inehhi l-pregudizzju subit. L-azzjoni hi bazata fuq il-principju li persuna ma tistax tiehu vantagg minn dannu arrekat lil

haddiehor (*nemo locupletari potest cum aliena iactura*) u l-limitu taghha hu sal-vantagg li t-terza persuna takkwista. L-azzjoni ssir biex jigi ristabilit ekwilibriju bejn iz-zewg patrimoni (ara Vol. 38 p. 397 **Falzon vs Xuereb** u sentenzi hemm imsemmija). Dwar l-elementi necessarji ghas-success ta' din l-azzjoni, jehtieg jikkonkorru tlett fatturi: "[1] Li l-haga li tkun giet versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita' tieghu; [2] li dak il-passagg tal-haga jkun sar b' titolu lukrattiv; u [3] li min ikun irceviha jkun sar aktar sinjur b' dak li jghaddi ghandu." [P.A. **Vincent Parnis vs Avukat Dr. Giuseppe Vella (**30.11.1955)]

F'dan il-kaz il-kontendenti ghexu flimkien ghall madwar tnax-il sena u minn dina r-relazzjoni ta' konvivenza ma twieled ebda rapport guridiku rikonoxxut mill-ligi, almenu kif inhi sallum. Ghalhekk minn dina r-relazzjoni ma jemergu ebda obbligi ta' natura kontrattwali li fuqhom l-attrici setghet tressaq azzjoni *ex contractu* kif qed jippretendi li kellha taghmel il-konvenut. It-talba ta' l-attrici hija intimament marbuta mar-rapport ta' konvivenza li kien hemm bejnha u l-konvenut u mhux indipendenti u awtonoma minn tali rapport. Ghalhekk dak li hallset l-attrici ghandhu jigi ripetut lura u li tigi kumpensata (ara sentenzi App. Inf. **R. Avallone vs T. Agius** deciza fit-3 ta' Novembru 2004 u **Barbara vs R. Pottag** deciza fit-22 ta' Mejju, 2009).

Fl-appell tieghu l-konvenut qajjem ukoll zewg pregudizzjali li ma kienux issemmew quddiem it-Tribunal. L-ewwelnett isemmi li l-kawza kellha ssir mhux biss kontrih imma anke kontra l-minuri, binhom, billi l-ghamara saret a beneficcju tieghu u qed igawdiha hu. Fil-fehma ta' dina l-Qorti dina l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju hi ta' natura dilatorja u kellha tinghata *in limine litis (*ara Artikolu 728 tal-Kap. 12; sentenza App. **Borg vs Tabone** deciza fid-9 ta' Ottubru 2009 **u Briffa vs Attard** P.A. deciza 27 ta' Novembru 2003). Mill-atti ma jirrizultax li saret talba mill-konvenut biex iressaq tali eccezzjoni a tenur ta' l-artikolu 728 (2) tal-Kap. 12. Il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-ligi ma tikkomminax in-nullita' ta' l-atti minhabba n-nuqqas ta' tharrik ta' terz interessat. Apparti dana pero' mill-provi

jirrizulta li l-minuri ma kellu x'jaqsam xejn mal-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti, u l-ghamara tinsab fil-proprjeta' tal-konvenut, u li hu biss jista' jiddisponi minnha.

Pregudizzjali ohra li semma l-konvenut fl-appell tieghu, u li ma tressqitx quddiem it-Tribunal, tirrigwarda l-gurisdizzjoni tat-Tribunal li jordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici dawk l-oggetti determinati billi, skond hu, l-Kap. 380 jaghti lit-Tribunal gurisdizzjoni biss li jaqta' talbiet ghall-hlas ta' flus [Art. 3(2) Kap. 380]. Fil-fehma ta' dina l-Qorti lanqas dwar dina l-lanjanza l-konvenut m'ghandu ragun billi l-attrici setghet tesperixxi l-azzjoni ghall-arrikkiment indebitu u titlob kumpens. Skond l-artikolu 3(5) tal-Kap. 380 it-Tribunal ma jidholx fi kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli. Imma gie accettat mill-Qorti taghna li fejn, per ezempju, tinqala' kwistjoni dwar kommodat, li hu self ghall-uzu li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna <u>haga</u> lill-parti l-ohra sabiex dina tinqeda biha, tali kuntratt gie konsidrat bhala li jikkonferixxi dritt personali u mhux dritt in rem, u konsegwentement it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni (ara sentenza App. Inf. **Abela vs Abela** deciza fil-28 ta' Marzu 2007). Fil-kaz in ezami t-talba attrici hija biex il-konvenut ihallas kumpens ghall-benefikati u miljoramenti li hija ghamlet fil-proprjeta' tieghu. Inoltre hawnhekk qeghdin fl-isfera ta' appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li karatteristika partikolari taghhom, kif jippreskrivi l-artikolu 7 tal-Kap. 380 hija li t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba quddiemu principalment skond l-ekwita'.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut qed jigi michud.

It-tieni aggravju tal-konvenut huwa dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal, u partikolarment, il-fatt li t-Tribunal strah fuq l-ircevuti li pprezentat l-attrici li mhumiex validi, fuq l-uzu li sar mill-ixkejjer tal-kolla u fuq l-ghamara fil-kamra tat-tifel.

Jigi puntwalizzat li fejn qabel id-dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal kien limitat hafna, wara s-sena 2003 appell sar possibbli anke fuq fatti. Mandakollu dina l-Qorti

ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mit-Tribunal hlief fil-kazijiet fejn il-konkluzzjonijiet tieghu jkunu manifestament zbaljati u jaghtu lok ghall-inewkita' cara (ara App. Inf. **Chircop vs Caruana** 28 ta' April 2004).

Il-konvenut jissottometti li dwar l-oggetti li l-attrici qed titlob il-hlas taghhom, dawn ghamlithom hi ghax hekk riedet u dawn saru bejniethom u t-tnejn hallsu ghalihom. Hu jinsisti li l-ircevuti kienu fil-pussess ta' l-attrici ghax haddithom hi. Ghalkemm hemm il-firma ta' l-attrici fuq certi ricevuti dan ma jfissirx li kienet hallsithom hi minn butha izda hallsuhom flimkien ghax kienu jghixu flimkien.

Min-naha l-ohra l-attrici ssostni li hija hallset ghall dawk l-oggetti u li kienet telenka kollox dettaljatament fid-djarju taghha sold b'sold x'kienet tonfoq u l-konvenut qatt ma nefaq xejn (fol. 45 et seq).

Fil-kaz in ezami jinkombi l-ewwel nett lill-attrici li tipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni taghha li l-konvenut huwa debitur tieghu, imbaghad biss il-piz tal-prova jisposta ruhhu fuq il-konvenut. Min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; u fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Kollez. 37 p1 p. 535), jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra (Kollez. 35 p3 p. 604; XLIX p2 p. 777). Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (App. Kum. Buttigieg vs Portelli 26/1/1976; App. Chetcuti vs Pearson 5/10/1998).

Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-attrici gabet il-prova rikjesta mill-ligi permezz ta' ricevuti li fuqhom hemm isimha. Dawn huma l-ircevuti ta' l-oggetti li hija xtrat u li taghhom qed titlob il-hlas. Hija kellha ricevuti ohra li pero' ma gewx prezentati billi tghid li ghadda z-zmien. Min-naha l-ohra, fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-konvenut ma rnexxilux iwaqqa' l-prova li ressqet l-attrici b'dawn l-ircevuti, bi prova ohra certa u konklussiva li kien hu li hareg il-flus biex inxtraw l-oggetti. Il-fatt li huma kienu jghixu flimkien mhix il-prova konklussiva li trid il-ligi u lanqas ma jfisser li bil-fors il-flus kien harighom hu jew harguhom it-tnejn flimkien. Kwantu

ghall-lanjanza li l-ircevuti mhumiex ricevuti fiskali, il-Qorti tirrileva li dan il-fatt wahdu ma jfissirx li ma saritx il-prova li l-oggetti nxtraw u li effettivament hallsithom l-attrici. Il-prova li nhargu l-flus, tista' ssir mhux biss b'ircevuti imma anke b'modi ohra permess mill-ligi. Finalment jigi rilevat li wara kollox il-konvenut qed jammetti li l-oggetti nxtraw, imma skond hu dawn nxtraw bejn it-tnejn.

Rigward l-ilment l-iehor tal-konvenut dwar l-ixkejjer tal-kolla, il-Qorti tirrileva li fuq dana l-oggett il-konvenut ma gab ebda prova biex iwaqqa' l-prova li ressqet l-attrici permezz ta' l-ircevuta li hija ezibit dwar il-hlas li ghamlet. It-Tribunal, li sema' lill-partijiet, kien moralment konvint li l-konvenut ibbenefika minn dawna l-oggetti u li ghalhekk l-attrici kellha tigi kkumpensata.

Dwar l-ahhar ilment tal-konvenut li mhux gust li t-Tribunal jikkundannah ihallas l-ammont shih ghal xogholijiet u ma nghata ebda tnaqqis ghat-tqabir ta' l-oggetti li l-attrici stess kienet tgawdi, il-Qorti thoss li fuq dana l-punt il-konvenut ghandu ragun. L-attrici, kif ukoll binha, ghamlu zmien igawdu minn dawn l-oggetti, li l-attrici issa qed tirreklama u titlob kumpens ghalihom, ghalhekk ikun gust li jsir xi tnaqqis ghal deprezzament fuq l-oggetti imsemmija. Dina l-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tirriduci l-ammont totali li ghandha tiehu l-attrici fis-somma ta' €2,800.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u tilqa' in parte t-tieni aggravju tal-konvenut appellant u tillikwida l-ammont kollu dovut lill-attrici ghall-oggetti li ghalihom qed titlob kumpens fis-somma ta' €2,800 (elfejn u tmien mitt Euro). Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha.
L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif deciz mit-Tribunal.
L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut appellant u kwart mill-appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------